



PARLAMENT EWROPEW

2014 - 2019

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

2014/2148(INI)

30.1.2015

EMENDI 1 - 101

**Abbozz ta' rapport
Bogdan Brunon Wenta
(PE544.209v01-00)**

dwar il-films Ewropej fl-era diġitali
(COM(2014)0272 – 2014/2148(INI))

AM\1047067MT.doc

PE546.779v01-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

AM_Com_NonLegReport

Emenda 1
Bogdan Brunon Wenta

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

- wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2005/865/KE^{1a} dwar il-patrimonju ċinematografiku u l-kompetittività ta' attivitajiet industrijali relatati u r-rapporti tal-implimentazzjoni tagħha,

^{1a}ĠU L 323, 9.12.2005, p.57

Or. en

Emenda 2
Isabella Adinolfi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

- wara li kkunsidra t-Tielet Rapport tal-Kummissjoni tas-7 ta' Diċembru 2012 bit-titolu "on the challenges for European film heritage from the analogue and the digital era" (SWD(2012) 431 final) dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-Istati Membri "dwar il-patrimonju ċinematografiku u l-kompetittività ta' attivitajiet industrijali relatati" (2005/865/KE),

Emenda 3
Martina Michels, Liadh Ní Riada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

A. billi l-films huma kemm prodotti **ekonomiċi** kif ukoll **kulturali** li jikkontribwixxu bil-kbir għall-ekonomija Ewropea f'termini ta' tkabbir u impjegi filwaqt li jgħinu biex jiffurmaw identitajiet Ewropej billi jirriflettu d-diversità kulturali u lingwistika, jippromwovu kulturi Ewropej bejn il-fruntieri u jiffaċilitaw l-iskambju kulturali u l-fehim reċiproku fost iċ-ċittadini;

Emenda

A. billi l-films huma kemm prodotti **kulturali** kif ukoll **ekonomiċi** li jikkontribwixxu bil-kbir għall-ekonomija Ewropea f'termini ta' tkabbir u impjegi filwaqt li jgħinu biex jiffurmaw identitajiet Ewropej billi jirriflettu d-diversità kulturali u lingwistika, jippromwovu kulturi Ewropej bejn il-fruntieri u jiffaċilitaw l-iskambju kulturali u l-fehim reċiproku fost iċ-ċittadini;

Or. de

Emenda 4
Javi López

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

A. billi l-films huma kemm prodotti ekonomiċi kif ukoll kulturali li jikkontribwixxu bil-kbir għall-ekonomija Ewropea f'termini ta' tkabbir u impjegi filwaqt li jgħinu biex jiffurmaw identitajiet Ewropej billi jirriflettu d-diversità kulturali u lingwistika, jippromwovu kulturi Ewropej bejn il-fruntieri u jiffaċilitaw l-iskambju kulturali u l-fehim reċiproku fost iċ-ċittadini;

Emenda

A. billi l-films huma kemm prodotti ekonomiċi kif ukoll kulturali li jikkontribwixxu bil-kbir għall-ekonomija Ewropea f'termini ta' tkabbir u impjegi filwaqt li jgħinu biex jiffurmaw identitajiet Ewropej billi jirriflettu d-diversità kulturali u lingwistika, jippromwovu kulturi Ewropej bejn il-fruntieri u jiffaċilitaw l-iskambju kulturali u l-fehim reċiproku fost iċ-ċittadini, **u jikkontribwixxu wkoll għall-formazzjoni u l-iżvilupp ta' ħsieb kritiku;**

Or. es

Emenda 5
Marlene Mizzi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Aa. billi l-potenzjal tas-setturi kulturali u kreattivi fl-Ewropa u b'mod partikolari tal-industrija ċinematografika Ewropea jibqa' mhux sfruttat ħafna u mhux użat biżżejjed fil-promozzjoni tad-diversità u l-patrimonju kulturali Ewropew u l-ħolqien ta' tkabbir sostenibbli u impjegi li mbagħad jistgħu jibbenefikaw ukoll setturi oħra tal-ekonomija li jipprovdu lill-Ewropa b'vantaġġ kompetittiv fuq livell dinji;

Or. en

Emenda 6
Marc Joulaud

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

B. billi l-industrija Ewropea tal-films hija waħda mill-akbar produttori fid-dinja b'1 500 film maħruġa fl-2014;

B. billi l-industrija Ewropea tal-films hija waħda mill-akbar produttori fid-dinja b'1 500 film maħruġa fl-2014, *iżda hija kkaratterizzata minn struttura eteroġenika kemm f'termini ta' finanzjament kif ukoll tat-tip ta' produzzjoni;*

Or. fr

Emenda 7
Marlene Mizzi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

B. billi l-industrija Ewropea tal-films hija waħda mill-akbar produttori fid-dinja b'1 500 film maħruġa fl-2014;

Emenda

B. billi l-industrija Ewropea tal-films hija waħda mill-akbar produttori fid-dinja b'1 500 film maħruġa fl-2014, ***iżda b'dispjaċir in-numri ta' films prodotti ma jirriflettu bl-ebda mod in-numri ta' films li qed jiġu promossi u distribwiti fl-Ewropa u barra minnha u jirriflettu anke inqas in-numri tar-rilaxx tagħhom fiċ-ċinema, il-konsum u l-udjenza li ġew milħuqa fis-swieq mhux domestiċi, inklużi fi ħdan l-UE;***

Or. en

Emenda 8
Marc Joulaud

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

C. billi films Ewropej huma kkaratterizzati mill-kwalità, l-oriġinalità u d-diversità tagħhom iżda jbatu minn promozzjoni u distribuzzjoni limitata madwar l-Unjoni filwaqt li jaffaċċjaw kompetizzjoni internazzjonali intensa;

Emenda

C. billi films Ewropej huma kkaratterizzati mill-kwalità, l-oriġinalità u d-diversità tagħhom iżda jbatu minn promozzjoni u distribuzzjoni limitata madwar l-Unjoni filwaqt li jaffaċċjaw kompetizzjoni internazzjonali intensa ***kif ukoll diffikultajiet biex jesportaw 'il barra mill-Unjoni;***

Or. fr

Emenda 9
Martina Michels, Liadh Ní Riada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

C. billi films Ewropej huma kkaratterizzati mill-kwalità, l-oriġinalità u d-diversità tagħhom iżda jbatu minn promozzjoni u distribuzzjoni limitata madwar l-Unjoni ***filwaqt li jaffaċċjaw kompetizzjoni internazzjonali intensa***;

Emenda

C. billi films Ewropej huma kkaratterizzati mill-kwalità, l-oriġinalità u d-diversità tagħhom iżda jbatu minn promozzjoni u distribuzzjoni limitata madwar l-Unjoni ***u għalhekk il-forom narrattivi ċinematografiċi Ewropej ma jqajmux biżżejjed interess fuq livell internazzjonali***;

Or. de

Emenda 10
Marc Joulaud

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

D. billi ċ-ċirkolazzjoni ta' films mhux nazzjonali Ewropej fl-Istati Membri għadha dgħajfa minkejja n-numru kbir ta' films prodotti kull sena;

Emenda

D. billi ċ-ċirkolazzjoni ta' films mhux nazzjonali Ewropej fl-Istati Membri għadha dgħajfa minkejja n-numru kbir ta' films prodotti kull sena, ***filwaqt li l-produzzjonijiet mhux Ewropej jilhqqu lil ħafna nies fl-Unjoni***;

Or. fr

Emenda 11
Martina Michels, Liadh Ní Riada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

E. billi d-diversità ta' films Ewropej li jirriflettu r-rikkezza u l-qawwa tad-diversità kulturali u lingwistika tal-Ewropa tfisser li s-suq Ewropew tal-films huwa ***naturalment*** frammentat;

Emenda

E. billi d-diversità ta' films Ewropej li jirriflettu r-rikkezza u l-qawwa tad-diversità kulturali u lingwistika tal-Ewropa tfisser li s-suq Ewropew tal-films huwa ***permanentement*** frammentat;

Emenda 12
Milan Zver

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Ea. billi l-promozzjoni ta' produzzjoni tal-films ta' kwalità hija partikolarment importanti għall-Istati Membri żgħar li l-lingwi tagħhom għandhom numru żgħir ta' kelliema;

Or. sl

Emenda 13
Giorgos Grammatikakis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fa (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Fa. billi, wieħed mill-għanijiet ewlenin tas-Suq Uniku Diġitali għandu jkun biex jibni fiduċja u kunfidenza fl-internet u jżid l-aċċess għall-kontenut awdjoviżiv legali, għalhekk jikkontribwixxi għall-investiment fil-films Ewropej;

Or. en

Emenda 14
Marc Joulaud, Jean-Marie Cavada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

G. billi l-iskrining ċinematiku, bħala l-ewwel tieqa ta' **rilaxx**, għadu responsabbli għal proporzjon kbir tad-dħul mill-films u huwa għalhekk essenzjali għall-finanzjament tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni ċinematografika Ewropea, b'impatt konsiderevoli fuq is-suċċess tal-films ikkonċernati fi twieqi ta' rilaxx sussegwenti;

Emenda

G. billi l-iskrining ċinematiku, bħala l-ewwel tieqa ta' **esibizzjoni**, għadu responsabbli għal proporzjon kbir tad-dħul mill-films u huwa għalhekk essenzjali għall-finanzjament tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni ċinematografika Ewropea, b'impatt konsiderevoli fuq is-suċċess tal-films ikkonċernati fi twieqi ta' rilaxx sussegwenti;

(Din l-emenda tapplika għat-test kollu.)

Or. fr

Emenda 15

Bogdan Brunon Wenta, Sabine Verheyen, Jean-Marie Cavada, Santiago Fisas Aixelà, Therese Comodini Cachia

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Ga. billi madankollu, numru li qed jikber ta' films Ewropej bi produzzjoni u baġit ta' promozzjoni modesti, jibbenefikaw minn strateġiji ta' rilaxx iktar flessibbli u disponibbiltà iktar bikrija tal-VOD;

Or. en

Emenda 16

Marc Joulaud, Jean-Marie Cavada

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Ga. billi organizzazzjoni aħjar tat-twieqi tal-esibizzjoni timmassimizza l-potenzjal pubbliku filwaqt li tnaqqas l-attraenza tal-

konsum mhux awtorizzat tal-films;

Or. fr

Emenda 17

Bogdan Brunon Wenta, Petra Kammerevert, Marc Joulaud, Sabine Verheyen, Santiago Fisas Aixelà, Jean-Marie Cavada, Therese Comodini Cachia, Helga Trüpel

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Gb (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Gb. billi l-Artikolu 13.1 tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Midja Awdjoviżiva (AVMSD) jobbliga lill-Istati Membri biex jiżguraw li fornituri tas-servizz fuq talba jippromwovu xogħlijiet Ewropej;

Or. en

Emenda 18

Bogdan Brunon Wenta, Marc Joulaud, Sabine Verheyen, Petra Kammerevert, Jean-Marie Cavada, Santiago Fisas Aixelà, Therese Comodini Cachia, Helga Trüpel

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Gc (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Gc. billi din id-dispożizzjoni ġiet implimentata b'mod divers b'livelli differenti ta' rekwiżiti legali u wasslet għal fornituri li jistabbilixxu lilhom infushom fi Stati Membri bl-aktar rekwiżiti baxxi;

Or. en

Emenda 19

Isabella Adinolfi

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ħa (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Ħa. billi fir-Regolament Nru 1295/2013 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva l-Artikolu 14 jipprevedi li l-Kummissjoni tistabbilixxi l-“Faċilità ta’ Garanzija tas-Setturi Kulturali u Kreattivi” bil-għan li tiffaċilita l-aċċess għall-kreditu mill-SMEs fis-setturi kulturali u kreattivi u li ttejjeb il-kapaċità tal-intermedjarji finanzjarji parteċipanti biex jiġu vvalutati r-riskji assoċjati mal-SMEs li jitolbu self u finanzjament;

Or. it

**Emenda 20
Isabella Adinolfi**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hb (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Hb. billi f'Ottubru 2013 il-Kummissjoni ppubblikat ir-riżultati ta' investigazzjoni bit-titolu “Survey on aċċess to finance for cultural and creative sectors” li minnha ħarġu d-diffikultajiet kbar ta' aċċess għall-kreditu u l-lakuna finanzjarja għall-impriżi kulturali u kreattivi, li jinkludu dawk li joperaw fis-settur awdjoviżiv, għal ammont stmat ta' bejn EUR 8 u 13.3 biljun;

Or. it

**Emenda 21
Isabella Adinolfi**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hc (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Hc. billi sa mit-Tielet Rapport tas-7 ta' Diċembru 2013 "on the challenges for European film heritage from the analogue and the digital era" l-Kummissjoni enfasizzat kif huwa biss 1.5 % tal-patrimonju ċinematografiku Ewropew li ġie diġitalizzat u li t-tali perċentwal għadu l-istess sal-lum minkejja li ilhom jiġu enfasizzati r-riskji li parti kbira minn dan il-patrimonju tintilef b'mod definittiv u li din ma tingħatax lill-ġenerazzjonijiet futuri, bħalma hu l-każ pereżempju tal-films muti li minnhom ġew ikkonservati biss l-10 %;

Or. it

Emenda 22

Bogdan Brunon Wenta, Petra Kammerevert, Marc Joulaud, Sabine Verheyen, Jean-Marie Cavada, Santiago Fisas Aixelà, Mircea Diaconu, Therese Comodini Cachia, Krystyna Lybacka, Helga Trüpel, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Fernando Maura áan

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ia (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Ia. billi huwa essenzjali li jiġu ggarantiti fondi għad-diġitalizzazzjoni, il-konservazzjoni u d-disponibbiltà online tal-patrimonju ċinematografiku u l-materjali relatati u li jiġu stabbiliti standards Ewropej dwar il-konservazzjoni tal-films diġitali;

Or. en

Emenda 23

Bogdan Brunon Wenta, Petra Kammerevert, Sabine Verheyen, Jean-Marie Cavada,

Santiago Fisas Aixelà, Mircea Diaconu, Therese Comodini Cachia, Helga Trüpel,
Andrea Bocskor, Fernando Maura Barandiarán

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

J. billi l-litteriżmu tal-films jista' jinkoraġġixxi liċ-ċittadini biex jiżviluppaw ħsieb kritiku u fehim;

Emenda

J. billi ***l-litteriżmu tal-midja u b'mod partikolari*** l-litteriżmu tal-films jista' jinkoraġġixxi liċ-ċittadini biex jiżviluppaw ħsieb kritiku u fehim;

Or. en

Emenda 24
Momchil Nekov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

J. billi l-litteriżmu tal-films jista' jinkoraġġixxi liċ-ċittadini biex jiżviluppaw ħsieb kritiku u fehim;

Emenda

J. billi l-litteriżmu tal-films ***u l-midja*** jista' jinkoraġġixxi liċ-ċittadini biex jiżviluppaw ħsieb kritiku u fehim ***u jista' jistimola l-kreattività u l-kapaċità tal-espressjoni tagħhom***;

Or. bg

Emenda 25
Giorgos Grammatikakis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa K

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

K. billi d-drittijiet tal-awtur fl-era diġitali għandhom ikomplu jstimulaw l-investment fil-produzzjoni u l-ħolqien tal-films u jiżguraw remunerazzjoni ***xierqa*** għad-detenturi tad-drittijiet, filwaqt li

Emenda

K. billi d-drittijiet tal-awtur fl-era diġitali għandhom ikomplu jstimulaw l-investment fil-produzzjoni u l-ħolqien tal-films u jiżguraw remunerazzjoni ***ġusta għall-ħallieqa, l-artisti u*** għad-detenturi

jinkoraġġixxu l-iżvilupp ta' servizzi ġodda u l-aċċess transkonfinali għaċ-ċittadini;

tad-drittijiet, filwaqt li jinkoraġġixxu l-iżvilupp ta' servizzi ġodda u l-aċċess transkonfinali għaċ-ċittadini **u jippermettu lill-industriji kulturali u kreattivi biex jibqgħu jikkontribwixxu għat-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi;**

Or. en

Emenda 26
Emma McClarkin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa K

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

K. billi d-drittijiet tal-awtur fl-era diġitali għandhom ikomplu jstimulaw l-investment fil-produzzjoni u l-ħolqien tal-films u jiżguraw remunerazzjoni xierqa għad-detenturi tad-drittijiet, filwaqt li jinkoraġġixxu l-iżvilupp ta' servizzi ġodda u l-aċċess transkonfinali għaċ-ċittadini;

Emenda

K. billi d-drittijiet tal-awtur fl-era diġitali għandhom ikomplu jstimulaw l-investment fil-produzzjoni u l-ħolqien tal-films u jiżguraw remunerazzjoni xierqa għad-detenturi tad-drittijiet, filwaqt li jinkoraġġixxu l-iżvilupp ta' servizzi ġodda u l-aċċess transkonfinali għaċ-ċittadini; **billi d-detenturi tad-drittijiet jingħataw l-għodod legali biex jinfurzaw id-drittijiet tagħhom;**

Or. en

Emenda 27
Bogdan Andrzej Zdrojewski

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ka (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Ka. wara li kkunsidra l-implimentazzjoni effettiva tad-Direttiva dwar ċerti użi permessi ta' xogħlijiet orfni (2012/28/UE) u l-ħtieġa li l-films jiġu inklużi fid-definizzjoni ta' xogħlijiet orfni aċċessibli għall-pubbliku;

Emenda

Ka. wara li kkunsidra l-implimentazzjoni effettiva tad-Direttiva dwar ċerti użi permessi ta' xogħlijiet orfni (2012/28/UE) u l-ħtieġa li l-films jiġu inklużi fid-definizzjoni ta' xogħlijiet orfni aċċessibli għall-pubbliku;

Emenda 28
Momchil Nekov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ka (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Ka. billi l-korpi kollha tal-patrimonju kulturali, inklużi l-arkivji tal-films, jistgħu jsiru l-bażi għal mudelli tan-negozju li jista' jkollhom rwol fl-istimulazzjoni ta' żvilupp sostenibbli;

Or. bg

Emenda 29
Marlene Mizzi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

1. Jinkoraġġixxi lill-industrija Ewropea tal-films biex issegwi l-iżvilupp ta' mudelli ġodda ta' negozju u kanali ta' distribuzzjoni biex ittejjeb ***id-disponibilità transkonfinali*** ta' films Ewropej, biex b'hekk it-tele spettaturi fl-Unjoni jkollhom aċċess għal firxa dejjem akbar ta' films madwar numru li dejjem jikber ta' pjattaformi;

1. Jinkoraġġixxi lill-industrija Ewropea tal-films biex issegwi l-iżvilupp ta' ***servizzi innovattivi***, mudelli ġodda ta' negozju u kanali ta' distribuzzjoni biex ittejjeb ***id-disponibilità f'kull ħin, kullimkien u permezz tat-tgħamir kollu fl-Ewropa u barra minnha*** ta' films Ewropej, biex b'hekk it-tele spettaturi ***fid-dinja, iżda b'mod partikolari telespettaturi transkonfinali*** fl-Unjoni jkollhom aċċess għal firxa dejjem akbar ta' films madwar numru li dejjem jikber ta' pjattaformi;

Or. en

Emenda 30
Marc Joulaud

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

1. Jinkoraġġixxi lill-industrija Ewropea tal-films biex issegwi l-iżvilupp ta' mudelli ġodda ta' negozju u kanali ta' distribuzzjoni biex ittejjeb id-disponibilità transkonfinali ta' films Ewropej, biex **b'hekk** it-telespettaturi fl-Unjoni jkollhom aċċess għal firxa dejjem akbar ta' films madwar numru li dejjem jikber ta' pjattaformi;

Emenda

1. Jinkoraġġixxi lill-industrija Ewropea tal-films biex issegwi l-iżvilupp ta' mudelli ġodda ta' negozju u kanali ta' distribuzzjoni biex ittejjeb id-disponibilità transkonfinali ta' films Ewropej **fl-Unjoni u lil ħin minnha**, biex it-telespettaturi fl-Unjoni jkollhom aċċess għal firxa dejjem akbar ta' films madwar numru li dejjem jikber ta' pjattaformi; **jissuġġerixxi għal dan l-għan li l-industrija Ewropea tal-films tispira ruħha minn prattiki 'l barra mill-Unjoni, u torbot il-pjattaformi differenti eżistenti biex tagħmilhom aktar kumplimentarji**;

Or. fr

Emenda 31
Javi López

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

1. Jinkoraġġixxi lill-industrija Ewropea tal-films biex issegwi l-iżvilupp ta' mudelli ġodda ta' negozju u kanali ta' distribuzzjoni biex ittejjeb id-disponibilità transkonfinali ta' films Ewropej, biex b'hekk it-telespettaturi fl-Unjoni jkollhom aċċess għal firxa dejjem akbar ta' films madwar numru li dejjem jikber ta' pjattaformi;

Emenda

1. Jinkoraġġixxi lill-industrija Ewropea tal-films biex issegwi l-iżvilupp ta' mudelli ġodda ta' negozju u kanali ta' distribuzzjoni biex ittejjeb id-disponibilità transkonfinali ta' films Ewropej, biex b'hekk it-telespettaturi fl-Unjoni jkollhom aċċess għal firxa dejjem akbar ta' films madwar numru li dejjem jikber ta' pjattaformi, **ħafna minnhom b'disponibilità fuq talba**;

Or. es

Emenda 32
Isabella Adinolfi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

1a. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi aġġornat il-qafas regolatorju relatat mad-Direttiva 2001/29/KEE dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni, sabiex jiġi adattat aħjar sabiex jinkorpora dak li l-avvanzi teknoloġiċi li saru f'dan l-aħħar deċenju, b'mod speċjali fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni, taw lill-metodi attwali ta' ħolqien, produzzjoni u użu tal-kontenuti;

Or. it

Emenda 33
Emma McClarkin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

1a. Jirrikonoxxi l-impatt li għandu l-iddawnlowdjar illegali tal-kontenut fuq iċ-ċiklu kreattiv u d-drittijiet tal-ħallieqa; jenfasizza l-importanza tal-monitoraġġ u l-edukazzjoni fl-indirizzar ta' din il-problema;

Or. en

Emenda 34
Marc Joulaud, Jean-Marie Cavada

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

1a. Jenfasizza li l-effettività tal-ġlieda kontra l-konsum mhux awtorizzat tal-films tgħaddi, fost oħrajn, mir-rilaxx ta' servizzi legali ta' VOD u ta' servizzi onlajn ta' kwalità għolja, faċli biex jintużaw, offerti ta' katalgu ta' films wiesa', vast u disponibbli f'diversi lingwi u verżjonijiet bis-sottotitli;

Or. fr

**Emenda 35
Martina Michels, Liadh Ní Riada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

2. Jissuġġerixxi li l-iżvilupp tal-portabilità transkonfinali tas-servizzi awdjoviżivi, filwaqt li jitqies it-tkabbir mgħaġġel tal-VOD u tranżazzjonijiet onlajn madwar l-Unjoni, jista' jiġi esplorat ulterjorment billi dan jippermetti li t-tele spettaturi jkollhom aċċess għall-films irrispettivament minn fejn ikunu;

2. Jissuġġerixxi li l-iżvilupp tal-portabilità transkonfinali tas-servizzi awdjoviżivi, filwaqt li jitqies it-tkabbir mgħaġġel tal-VOD u tranżazzjonijiet onlajn madwar l-Unjoni, jista' jiġi esplorat ulterjorment ***waqt il-ħolqien ta' drittijiet tal-awtur irregolati fuq livell Ewropew*** billi dan jippermetti li t-tele spettaturi ***u l-biblijoteki u l-katalgi tal-midja pubbliċi, kif ukoll l-istituzzjonijiet patrimonjali ċinematografiċi pubbliċi*** jkollhom aċċess għall-films irrispettivament minn fejn ikunu;

Or. de

**Emenda 36
Isabella Adinolfi**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Jenfasizza l-importanza ta' kummerċjalizzazzjoni mmirata madwar l-Unjoni li *tqis* l-ispeċifitàjiet kulturali ta' udjenzi Ewropej bil-ħsieb li *tiġi żgurata* promozzjoni aħjar u aktar effiċjenti tal-films Ewropej;

Emenda

Jenfasizza l-importanza ta' kummerċjalizzazzjoni mmirata madwar l-Unjoni li *tisfrutta b'mod bilanċjat* l-ispeċifitàjiet kulturali ta' udjenzi Ewropej bil-ħsieb li *jkun hemm ħarsien tad-diversità lingwistika u kulturali Ewropea u* promozzjoni aħjar u aktar effiċjenti tal-films Ewropej;

Or. it

Emenda 37

Petra Kammerevert, Bogdan Brunon Wenta, Helga Trüpel

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

(3a) iħeġġeġ sabiex tiġi evalwata l-effettività u l-effiċjenza tas-sistemi Ewropej u nazzjonali ta' sussidji tal-films, b'kont partikolari meħud tal-kwalità kif ukoll tal-firxa ta' xogħlijiet sussidjati, filwaqt li għandu jiġi kkunsidrat ukoll kemm huma disponibbli u effiċjenti l-istrumenti ta' appoġġ għall-promozzjoni u l-iżvilupp tal-udjenzi; jistieden lill-Kummissjoni biex tikkomunika l-best-practice tar-riżultati miksuba hawnhekk fi Stati Membri oħrajn;

Or. de

Emenda 38

Giorgos Grammatikakis

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

3a. Ifakkar li l-produzzjoni u l-koproduzzjoni tal-films teħtieġ investiment finanzjarju sostanzjali u li l-qafas legali attwali ma jipprevenix liċenzjar multiterritorjali, għalhekk jenfasizza li d-diversità tal-iskemi tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni għandhom ikomplu japplikaw sabiex jinkoraġġixxu l-investiment fil-films Ewropej, biex jirrispondu għas-suq Ewropew lingwistikament u kulturalment differenti u jissalvagwardjaw u jipromwovu d-diversità kulturali;

Or. en

Emenda 39
Isabella Adinolfi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

4. Iħeġġeġ disponibilità akbar ta' films bis-sottotitoli sabiex tingħata spinta liċ-ċirkolazzjoni transkonfinali tal-films Ewropej, jiżdied l-għarfien tad-diversità kulturali u lingwistika tal-Ewropa fost it-tele spettaturi, u jittejjeb il-fehim reċiproku;

Emenda

4. Iħeġġeġ **għal din ir-raġuni** disponibilità akbar ta' films bis-sottotitoli sabiex tingħata spinta liċ-ċirkolazzjoni transkonfinali tal-films Ewropej, jiżdied l-għarfien tad-diversità kulturali u lingwistika tal-Ewropa fost it-tele spettaturi, u jittejjeb il-fehim reċiproku;

Or. it

Emenda 40
Marc Joulaud

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

4a. Jenfasizza li sabiex jiġi massimizzat il-potenzjal pubbliku, il-verżjonijiet bis-sottotitli tal-films għandhom ikunu disponibbli fuq VOD qabel il-verżjonijiet duplikati, bil-proċess tal-produzzjoni jkun iqsar minn dak tad-duplikazzjoni;

Or. fr

**Emenda 41
Emma McClarkin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

4a. Jirrikonoxxi li l-film Ewropew ta' spiss irċieva akklamazzjoni kritika u popolari kbira u mhux biss fis-swieq nazzjonali; jenfasizza li l-films Ewropej mhux dejjem ikollhom bżonn sussidji statali jew sussidji oħra biex ikunu ta' suċċess u jagħmlu profitt; għalhekk jirrikonoxxi l-importanza tal-finanzjament sostenibbli tal-films;

Or. en

**Emenda 42
Bogdan Brunon Wenta, Petra Kammerevert, Jean-Marie Cavada, Santiago Fisas Ayxelà, Mircea Diaconu, Therese Comodini Cachia, Krystyna Łybacka, Helga Trüpel, Theodoros Zagorakis, Fernando Maura Barandiarán**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

5. Jinnota b'mod partikolari r-rwol tal-MEDIA fl-appoġġ għas-sottotitolari u d-

5. Jinnota b'mod partikolari r-rwol tal-MEDIA fl-appoġġ għas-sottotitolari u d-

doppjaġġ;

doppjaġġ *biex tiżdied id-disponibbiltà tal-films Ewropej fil-verżjonijiet oriġinali bis-sottotitoli li jiffaċilitaw iċ-ċirkolazzjoni tagħhom u jtejbu l-għarfien u l-fehim tal-kulturi u l-lingwi Ewropej;*

Or. en

Emenda 43
Milan Zver

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

5. Jinnota ***b'mod partikolari*** r-rwol tal-MEDIA fl-appoġġ għas-sottotitolar u d-doppjaġġ;

Emenda

5. Jinnota r-rwol tal-MEDIA fl-appoġġ għas-sottotitolar u d-doppjaġġ; ***jisħaq, b'mod partikolari, fuq l-importanza ta' appoġġ Ewropew għall-finanzjament għas-sottotitolar ta' films Ewropej ta' kwalità minn Stati Membri li l-lingwi tagħhom għandhom numru żgħir ta' kelliema;***

Or. sl

Emenda 44
Bogdan Brunon Wenta, Petra Kammerevert, Sabine Verheyen, Marc Joulaud, Jean-Marie Cavada, Santiago Fisas Ayxelà, Therese Comodini Cachia, Helga Trüpel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

5a. Jenfasizza l-importanza tal-azzjoni preparatorja riċentement adottata dwar "Is-sottotitolar permezz tal-crowdsourcing biex tiżdied iċ-ċirkolazzjoni tax-xogħlijiet Ewropej" u x-xogħol futur mill-Kummissjoni biex timplimenta din l-azzjoni;

Or. en

Emenda 45

Petra Kammerevert, Bogdan Brunon Wentta, Helga Trüpel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

(5a) jenfasizza dwar l-importanza partikolari ta' stazzjonijiet televiżivi privati kif ukoll pubbliċi Ewropej fil-produzzjoni tal-films, kemm għat-televiżjoni kif ukoll koproduzzjonijiet għaċ-ċinema, u jenfasizza r-rwol ta' sigurtà eżistenzjali tagħhom għal għadd ta' studios għall-produzzjoni tal-films, speċjalment żgħar u medji, fl-Unjoni Ewropea;

Or. de

Emenda 46

Emma McClarkin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

6. Jappoġġja, barra minn hekk, inizjattivi ***bħall-azzjoni preparatorja tal-Kummissjoni "It-trawwim ta' integrazzjoni Ewropea permezz tal-kultura" immirata*** lejn it-tisħiħ fil-provvista ta' films Ewropej bis-sottotitoli billi jiġu pprovduti verżjonijiet ġodda bis-sottotitoli ta' programmi tat-TV magħżula madwar l-Ewropa kollha;

6. Jappoġġja, barra minn hekk, inizjattivi ***immirati*** lejn it-tisħiħ fil-provvista ta' films Ewropej bis-sottotitoli billi jiġu pprovduti verżjonijiet ġodda bis-sottotitoli ta' programmi tat-TV magħżula madwar l-Ewropa kollha;

Or. en

Emenda 47
Bogdan Brunon Wenta

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

6. Jappoġġja, barra minn hekk, inizjattivi bħall-**azzjoni preparatorja** tal-Kummissjoni “It-trawwim ta’ integrazzjoni Ewropea permezz tal-kultura” **immirata** lejn it-tiŝiħ fil-provvista ta’ films Ewropej bis-sottotitoli billi jiġu pprovduti verżjonijiet ġodda bis-sottotitoli ta’ programmi tat-TV magħżula madwar l-Ewropa kollha;

Emenda

6. Jappoġġja, barra minn hekk, inizjattivi bħall-**proġett pilota** tal-Kummissjoni “It-trawwim ta’ integrazzjoni Ewropea permezz tal-kultura” **immirat** lejn it-tiŝiħ fil-provvista ta’ films Ewropej bis-sottotitoli billi jiġu pprovduti verżjonijiet ġodda bis-sottotitoli ta’ programmi tat-TV magħżula madwar l-Ewropa kollha;

Or. en

Emenda 48
Mircea Diaconu, Fernando Maura Barandiarán

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

7a. Jistieden lill-Parlamenti Nazzjonali biex ikomplu jippromwovu l-Premju LUX fl-Istati Membri f’kooperazzjoni mal-Uffiċċji tal-Infommazzjoni tal-Parlament Ewropew;

Emenda

Or. en

Emenda 49
Momchil Nekov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

8a. Jistieden lill-Kummissjoni

Emenda

*tippromwovi skambji ta' prattiki tajba
bħala mezz biex tinkoraġġixxi programmi
nazzjonali ta' distribuzzjoni ta' films
għall-iskejjel u l-kulleġġi u fis-settur
soċjali;*

Or. bg

Emenda 50
Isabella Adinolfi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

*8a. Jenfasizza l-funzjoni soċjali taċ-
ċinema fil-komunitajiet lokali żgħar u
jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri
jadottaw miżuri xierqa biex
jissalvagwardjawhom;*

Or. it

Emenda 51
**Bogdan Brunon Wenta, Petra Kammerevert, Marc Joulaud, Sabine Verheyen, Jean-
Marie Cavada, Santiago Fisas Ayxelà, Mircea Diaconu, Therese Comodini Cachia,
Krystyna Lybacka, Helga Trüpel, Theodoros Zagorakis, Fernando Maura Barandiarán**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

*8a. Jissuġġerixxi li hemm bżonn li jkunu
promossi u appoġġati l-koproduzzjonijiet
Ewropej u li ż-żieda fit-tali produzzjonijiet
tista' tirriżulta fi tqassim usa' tal-films
Ewropej madwar l-Ewropa;*

Or. en

Emenda 52

Bogdan Brunon Wentta, Petra Kammerevert, Sabine Verheyen, Jean-Marie Cavada, Santiago Fisas Ayxelà, Therese Comodini Cachia, Helga Trüpel, Theodoros Zagorakis, Emma McClarkin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 8b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

8b. Barra minn hekk, jenfasisza s-suċċess dejjem jikber tas-serje tat-televiżjoni Ewropej ta' kwalità għolja u l-importanza strateġika biex ikompli jinkoraġġixxu l-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-promozzjoni tagħhom fis-swieq Ewropej u globali;

Or. en

Emenda 53

Momchil Nekov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

9. Jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw u jippromwovu avvenimenti speċjali, bħal festivals tal-films, sabiex jinkoraġġixxu u jappoġġjaw it-tixrid u ċ-ċirkolazzjoni ta' films Ewropej fit-territorju tagħhom;

9. Jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw u jippromwovu avvenimenti speċjali, bħal festivals tal-films, **kif ukoll ċinema vjaġġattriċi u inizjattivi mobbli oħra**, sabiex jinkoraġġixxu u jappoġġjaw it-tixrid u ċ-ċirkolazzjoni ta' films Ewropej fit-territorju tagħhom;

Or. bg

Emenda 54

Marc Joulaud, Jean-Marie Cavada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

9a. Jissuġġerixxi li jiġu nfużati miżuri diġà eżistenti li jippermettu ottimizzazzjoni aħjar tal-prezz taċ-ċinema, żvilupp ta' offerti promozzjonali innovattivi kif ukoll offerti ta' abbonament li jikkontribwixxu biex jiżguraw l-attrazzjoni u l-aċċess għas-swali kollha taċ-ċinema;

Or. fr

Emenda 55
Momchil Nekov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subtitolu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

9a. Jistieden lill-Istati Membri jużaw riżorsi mill-fondi strutturali tal-UE biex jiffinanzjaw id-diġitalizzazzjoni u d-distribuzzjoni tal-patrimonju tal-films bħala wieħed mill-elementi kostitwenti ta' identità Ewropea; b'mod parallel ma' dan, jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat finanzjament għall-konservazzjoni tal-arkivju tal-films u ż-żamma ta' faċilitajiet tal-ħżin ta' films;

Or. bg

Emenda 56
Javi López

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

10. Jinkoraġġixxi lid-distributori u l-esibituri taċ-ċinemas sabiex iżidu l-

10. Jinkoraġġixxi lid-distributori u l-esibituri taċ-ċinemas sabiex iżidu l-

viżibilità u d-disponibilità ta' films
Ewropej mhux nazzjonali sabiex jintlaħqu
udjenzi usa';

viżibilità u d-disponibilità ta' films
Ewropej mhux nazzjonali sabiex jintlaħqu
udjenzi usa';

Or. es

Emenda 57

Bogdan Brunon Wenta, Petra Kammerevert, Marc Joulaud, Sabine Verheyen, Jean-Marie Cavada, Santiago Fisas Aixelà, Mircea Diaconu, Therese Comodini Cachia, Krystyna Lybacka, Helga Trüpel, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Theodoros Zagorakis, Emma McClarkin

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

***10a. Jirrikonoxxi li ċ-ċinema għadhom l-
iktar postijiet importanti biex jippreżentaw
u jipromwovu l-films u barra minn hekk
huma postijiet fejn in-nies jiltaqgħu u
jiskambjaw l-opinjonijiet u jenfasizza li l-
għajbien taċ-ċinema żgħar u indipendenti,
b'mod partikolari f'irħula żgħar u
f'reġjuni inqas żviluppati, jillimitaw l-
aċċess għar-riżorsi kulturali, il-
patrimonju u d-djalogu Ewropej;***

Or. en

Emenda 58

Bogdan Brunon Wenta, Petra Kammerevert, Sabine Verheyen, Jean-Marie Cavada, Santiago Fisas Aixelà, Mircea Diaconu, Therese Comodini Cachia, Krystyna Lybacka, Helga Trüpel, Theodoros Zagorakis, Andrea Bocskor, Fernando Maura Barandiarán

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

12. Jenfasizza l-importanza tal-MEDIA fl-
ittestjar ta' approċċi innovattivi fl-iżvilupp
tal-udjenza, b'mod partikolari permezz tal-

12. Jenfasizza l-importanza tal-MEDIA fl-
ittestjar ta' approċċi innovattivi fl-iżvilupp
tal-udjenza, b'mod partikolari permezz tal-

appoġġjar ta' festivals;

appoġġjar ta' festivals, *l-inizjattivi tal-litteriżmu tal-films u l-azzjonijiet tal-iżvilupp tal-udjenza*;

Or. en

Emenda 59
Ivan Jakovčić

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

12. Jenfasizza l-importanza tal-MEDIA fl-ittestjar ta' approċċi innovattivi fl-iżvilupp tal-udjenza, b'mod partikolari permezz tal-appoġġjar ta' festivals;

Emenda

12. Jenfasizza l-importanza tal-MEDIA fl-ittestjar ta' approċċi innovattivi fl-iżvilupp tal-udjenza, b'mod partikolari permezz tal-appoġġjar ta' festivals *u avvenimenti oħra tal-films*;

Or. en

Emenda 60
Emma McClarkin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

13. Ifakkar li l-Artikolu 13.1 tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Midja Awdjoviżiva (AVMSD) jobbliga lill-Istati Membri biex jiżguraw li fornituri tas-servizz fuq talba jippromwovu xogħlijiet Ewropej; jenfasizza li din id-dispożizzjoni ġiet implimentata *b'mod divers b'livelli differenti ta' rekwiżiti legali, u li dan jista' jirriżulta f'fornituri li jstabbilixxu lilhom infushom fi Stati Membri bl-aktar rekwiżiti baxxi*;

Emenda

13. Ifakkar li l-Artikolu 13.1 tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Midja Awdjoviżiva (AVMSD) jobbliga lill-Istati Membri biex jiżguraw li fornituri tas-servizz fuq talba jippromwovu xogħlijiet Ewropej; jenfasizza li din id-dispożizzjoni ġiet implimentata; *jenfasizza li din id-dispożizzjoni ġiet implimentata b'mod divers fl-Istati Membri u l-Kummissjoni għandha tiżgura li dawn l-approċċi huma kollha f'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva*;

Or. en

Emenda 61
Petra Kammerevert, Helga Trüpel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

(13a) huwa tal-fehma li għandhom ikunu involuti b'mod finanzjarju fil-ħolqien ta' xogħlijiet ċinematografiċi Ewropej dawk kollha li, mill-offerta diretta, il-kummerċjalizzazzjoni jew id-distribuzzjoni, inkluż il-kollegament jew id-disponibbiltà permezz ta' video-on-demand, anki jekk biss indirettament, jistgħu jiksbu vantaġġ ekonomiku minn xogħlijiet ċinematografiċi Ewropej; jistieden lill-Kummissjoni biex, mil-lat tal-kompetizzjoni, tieħu kont ta' din il-fehma anki waqt ir-reviżjoni ta' sistemi tal-Istati Membri ta' sussidji tal-films;

Or. de

Emenda 62
Isabella Adinolfi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

14. Jistieden lill-Kummissjoni *tqis dan meta ttipproponi r-reviżjoni tal-qafas legali attwali sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fis-suq awdjoviżiv Ewropew, b'kundizzjonijiet ġusti u ugwali għall-fornituri kollha;*

14. Jistieden lill-Kummissjoni *tippreżenta pjan ta' ħidma bi skedi taż-żmien fuq il-proċess ta' emendar tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Midja Awdjoviżiva mqabbel ma' dak previst mill-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni tal-2015 u li tiżgura, meta ttipproponi r-reviżjoni tal-qafas ġuridiku attwali, applikazzjoni uniformi u kundizzjonijiet ġusti u ugwali għall-fornituri kollha fis-suq Ewropew awdjoviżiv;*

Emenda 63
Emma McClarkin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

14. Jistieden lill-Kummissjoni tqis dan meta ***tipproponi r-reviżjoni tal-qafas legali attwali sabiex jiġu żgurati*** kundizzjonijiet ekwi fis-suq awdjoviżiv Ewropew, ***b'kundizzjonijiet ġusti u ugwali għall-fornituri kollha***;

Emenda

14. Jistieden lill-Kummissjoni tqis dan meta ***tirrevedi l-qafas legali attwali u teżamina l-adegwatezza li tobbliga*** kundizzjonijiet ekwi fis-suq awdjoviżiv Ewropew;

Or. en

Emenda 64
Marc Joulaud, Bogdan Brunon Wenta

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

14a. Jistieden lill-pjattaformi VOD u SVOD jagħmlu disponibbli b'mod pubbliku d-dejta dwar il-konsum ta' kull film tal-katalgu tagħhom, sabiex tiġi żgurata evalwazzjoni korretta tal-impatt tagħhom;

Emenda

Or. fr

Emenda 65
Isabella Adinolfi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

15. Iqis li *sabiex tittejjeb iċ-ċirkolazzjoni ta' films Ewropej kemm fis-suq Ewropew kif ukoll dak internazzjonali, jeħtieġ li l-finanzjament* pubbliku *għall-produzzjoni u d-distribuzzjoni jkun bbilanċjat aħjar bil-għan li jiġdied* l-appoġġ *għall-iżvilupp, il-promozzjoni u d-distribuzzjoni internazzjonali;*

Emenda

15. Iqis li *d-dgħjufijiet strutturali li jippeżaw fuq is-settur Ewropew tal-films għandhom bħala kawża prinċipali l-iżbilanċ kbir tal-istruttura attwali tal-finanzjament* pubbliku *li ssostni l-produzzjoni tal-films filwaqt li l-appoġġ għad-distribuzzjoni, il-promozzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tax-xogħlijiet ċinematografiċi huwa marġinali ħafna;*

Or. it

Emenda 66
Isabella Adinolfi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda 67
Bogdan Brunon Wentz, Marc Joulaud, Sabine Verheyen, Jean-Marie Cavada, Santiago Fisas Ayxelà, Mircea Diaconu, Therese Comodini Cachia, Fernando Maura Barandiarán

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

15a. Iqis indispensabbli li jiġdied il-baġit f'termini assoluti għall-attivitajiet ta' distribuzzjoni, promozzjoni u kummerċjalizzazzjoni tax-xogħlijiet ċinematografiċi mingħajr ma dan ikun għad-detriment tal-finanzjament tal-attivitajiet ta' produzzjoni;

Or. it

Emenda

15a. Jistieden lill-Istati Membri b'mod

*partikolari biex iżidu l-finanzjament
pubbliku għall-appoġġ fid-distribuzzjoni fi
stadju bikri u l-promozzjoni ta' films
nazzjonali barra mill-pajjiż, kif ukoll films
Ewropej mhux nazzjonali;*

Or. en

Emenda 68
Bogdan Andrzej Zdrojewski

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

*15a. Jenfasizza r-rwol importanti li
għandha s-sistema tat-taxxa fl-appoġġ tal-
produzzjoni domestika; jistieden lill-Istati
Membri jinkludu inċentivi fiskali li
jiffaċilitaw il-produzzjoni tal-films
Ewropej;*

Or. en

Emenda 69
Isabella Adinolfi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

*15b. Jidentifika bhala mehtieg it-tishih
tal-kumplimentarjetà u l-koerenza
ġenerali tal-finanzjament pubbliku għas-
settur tal-films bejn il-livelli reġjonali,
interreġjonali, nazzjonali u Ewropej
sabiex tiżdied l-effiċjenza;*

Or. it

Emenda 70
Isabella Adinolfi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

15c. Iqis bħala fundamentali għall-konservazzjoni u l-ħarsien tal-patrimonju ċinematografiku Ewropew li qiegħed jirriskja li jintilef b'mod definittiv, id-diġitalizzazzjoni tal-kontenut tiegħu, u jipprevedi għalhekk iż-żieda fil-finanzjament destinat għat-titjib tat-teknoloġiji ta' skannjar tal-pellikoli tal-arkivji, għat-titjib tal-kompetenzi fil-konservazzjoni tal-pellikoli, għall-modernizzazzjoni tal-istrutturi u l-aġġustament tal-istituti tas-settur għall-istandards internazzjonali stipulati għall-“preservazzjoni diġitali”;

Or. it

Emenda 71
Isabella Adinolfi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

16a. Jiddispjaċih li l-faċilità ta' garanzija għas-setturi kulturali u kreattivi ta' Ewropa Kreattiva ħa tibda topera biss mill-2016 minkejja li din kienet stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1295/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 bħala rispons immedjat għad-diffikultajiet serji ta' aċċess għall-kreditu li għandhom l-impriżi kulturali u kreattivi, li jinkludu dawk li joperaw fis-settur awdjoviżiv;

Or. it

Emenda 72
Ivan Jakovčić

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

**16a. Jistieden lill-Istati Membri
jintroduċu u jżidu l-inċentivi għall-
produzzjoni tal-films;**

Or. en

Emenda 73
Marc Joulaud

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

**16a. Jinkoraġġixxi l-implikazzjoni ta'
atturi ġodda fis-suq, b'mod partikolari
dawk li joħorġu minn pjattaformi diġitali,
sabiex jiġu diversifikati s-sorsi ta'
finanzjament privati għall-films Ewropej;**

Or. fr

Emenda 74
Giorgos Grammatikakis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

**16a. Jenfasizza l-bżonn li l-istess rata ta'
VAT tiġi applikata għal xogħlijiet
kulturali awdjoviżivi mibjugħin online u
offline; huwa tal-opinjoni li l-**

applikazzjoni tar-rati ta' VAT imnaqqsa għall-kontenut kulturali online tista' tippromwovi t-tkabbir ta' servizzi Video-on-Demand online u l-iżvilupp u l-aċċessibbiltà tal-pjattaformi diġitali ġodda;

Or. en

Emenda 75
Isabella Adinolfi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

16b. Jidentifika bħala assolutament insuffiċjenti l-allokkazzjoni finanzjarja attwali għall-faċilità ta' garanzija għas-setturi kulturali u kreattivi ta' Ewropa Kreattiva u jitlob li l-baġit tagħha jiżdied b'mod sostanzjali mingħajr ma dan jippreġudika l-fondi previsti għall-programm sħiħ u għall-programmi l-oħra kollha marbuta mas-setturi tat-tagħlim u tal-kultura;

Or. it

Emenda 76
Marc Joulaud, Bogdan Brunon Wenta

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

16b. Jenfasizza li l-films Ewropej jibbenefikaw minn numru kbir ta' fondi pubbliċi Ewropej, nazzjonali u reġjonali, fejn għandhom jiġu inkoraġġita kumplimentarjetà akbar fl-użu tagħhom sabiex tiġi infurzata l-effettività tagħhom;

Emenda 77

Bogdan Brunon Wenta, Petra Kammerevert, Marc Joulaud, Sabine Verheyen, Jean-Marie Cavada, Santiago Fisas Ayxelà, Mircea Diaconu, Therese Comodini Cachia, Krystyna Lybacka, Helga Trüpel, Theodoros Zagorakis, Fernando Maura Barandiarán

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

17. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li jiġi stabbilit Forum Ewropew tal-Films, sabiex jiġi ffaċilitat djalogu strutturat **dwar l-isfidi li qed taffaċċja bħalissa l-industrija** Ewropea tal-films fl-era diġitali;

Emenda

17. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li jiġi stabbilit Forum Ewropew tal-Films, sabiex jiġi ffaċilitat djalogu strutturat **mal-partijiet interessati kollha tal-industrija** Ewropea tal-films fl-era diġitali;

Or. en

Emenda 78
Momchil Nekov

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

17. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li jiġi stabbilit Forum Ewropew tal-Films, sabiex jiġi ffaċilitat djalogu strutturat dwar l-isfidi li qed taffaċċja bħalissa l-industrija Ewropea tal-films fl-era diġitali;

Emenda

17. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li jiġi stabbilit Forum Ewropew tal-Films, sabiex jiġi ffaċilitat djalogu strutturat dwar l-isfidi li qed taffaċċja bħalissa l-industrija Ewropea tal-films fl-era diġitali;
jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni, b'rabta ma' dan, tintroduċi mekkaniżmi għall-iskambju ta' prattiki tajba fil-livell ta' uffiċjali għolja esperti fid-dipartimenti tal-kultura;

Or. bg

Emenda 79
Isabella Adinolfi

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

17a. Jenfasizza r-rwol prinċipali tal-entitajiet lokali u reġjonali fil-promozzjoni u l-valorizzazzjoni estiża tal-kultura ċinematografika fil-livell territorjali kif ukoll fit-trawwim tal-innovazzjoni artistika, fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni effikaċi ta' strateġiji ta' governanza f'diversi livelli^{1a} u fil-ħolqien ta' infrastrutturi xierqa, filwaqt li jikkunsidra għalhekk fundamentali l-parteċipazzjoni sħiħa tagħhom fl-attivitajiet tal-Forum Ewropew tal-Films;

Or. it

**Emenda 80
Marlene Mizzi**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17 a (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

17a. Jitlob għall-ħolqien ta' pjattaforma tal-films madwar l-Ewropa kollha biex jinkoraġġixxi l-iskambju tal-kooperazzjoni transkonfinali bejn il-partijiet interessati kollha li joperaw fil-katina awdjoviżiva u jagħmlu l-aħjar użu mir-riżorsi umani disponibbli fl-industrija Ewropea tal-films; Jenfasizza li l-għan prinċipali tal-pjattaforma għandu jkun biex itejjeb l-aggregazzjoni tal-informazzjoni, jgħaqqad imsieħba potenzjali bejn is-setturi u l-pajjiżi differenti, jagħti l-għarfien u l-pariri dwar kif wieħed jimmassimizza l-produzzjoni, id-distribuzzjoni u d-disseminazzjoni tal-films Ewropej;

Emenda 81

Bogdan Brunon Wenta, Marc Joulaud, Sabine Verheyen, Jean-Marie Cavada, Santiago Fisas Ayxelà, Mircea Diaconu, Petra Kammerevert, Therese Comodini Cachia, Theodoros Zagorakis, Fernando Maura Barandiarán

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

**17a. Jitlob għar-rispett għal
parteċipazzjoni u kooperazzjoni wiesgħa
fost l-Istituzzjonijiet ikkonċernati kollha,
b'mod partikolari mal-Parlament
Ewropew;**

Emenda 82

Angel Dzhambazki

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

18. Jistieden lill-Istati Membri jirduppjaw l-isforzi tagħhom biex itejbu l-litteriżmu medjatiku, u ***b'mod partikolari l-litteriżmu tal-films, fil-kurrikula skolastiċi***, u biex jiżviluppaw inizjattivi fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali ***fl-edukazzjoni u t-taħriġ formali u informali***;

18. Jistieden lill-Istati Membri jirduppjaw l-isforzi tagħhom biex itejbu l-litteriżmu medjatiku u tal-films, ***permezz ta' programmi edukattivi***, u biex jiżviluppaw inizjattivi fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali ***bħala parti mill-attivitajiet barra mill-iskola***;

Emenda 83

Isabella Adinolfi

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

18. Jistieden lill-Istati Membri jirdupjaw l-isforzi tagħhom biex itejbu l-litteriżmu medjatiku, **u b'mod partikolari l-litteriżmu tal-films, fil-kurrikula skolastiċi, u biex jiżviluppaw inizjattivi fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali fl-*edukazzjoni* u t-taħriġ formali u informali;**

Emenda

18. Jistieden lill-Istati Membri jirdupjaw l-isforzi tagħhom biex itejbu l-litteriżmu medjatiku ***taż-żgħażaġh u dawk akbar fl-età;***

Or. it

**Emenda 84
Momchil Nekov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

18. Jistieden lill-Istati Membri jirdupjaw l-isforzi tagħhom biex itejbu l-litteriżmu medjatiku, u b'mod partikolari l-litteriżmu tal-films, fil-kurrikula skolastiċi, u biex jiżviluppaw inizjattivi fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali ***fl-*edukazzjoni**** u t-taħriġ formali ***u*** informali;

Emenda

18. Jistieden lill-Istati Membri jirdupjaw l-isforzi tagħhom biex itejbu l-litteriżmu medjatiku, u b'mod partikolari l-litteriżmu tal-films, fil-kurrikula skolastiċi, u biex jiżviluppaw inizjattivi fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali ***li jkopru l-livelli kollha tal-*edukazzjoni**** u t-taħriġ formali, ***inklużi l-*edukazzjoni**** u t-taħriġ informali ***u mhux formali;***

Or. bg

**Emenda 85
Emma McClarkin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

18. Jistieden lill-Istati Membri jirdupjaw

Emenda

18. Jistieden lill-Istati Membri jirdupjaw

l-isforzi tagħhom biex itejbu l-litteriżmu medjatiku, u b'mod partikolari l-litteriżmu tal-films, *fil-kurrikula* skolastiċi, u biex jiżviluppaw inizjattivi fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali fl-edukazzjoni u t-taħriġ formali u informali;

l-isforzi tagħhom biex itejbu l-litteriżmu medjatiku, u b'mod partikolari l-litteriżmu tal-films, *fil-kurrikuli* skolastiċi, u biex jiżviluppaw inizjattivi fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali fl-edukazzjoni u t-taħriġ formali u informali; ***bi sforz biex jiġi żgurat l-għarfien dwar l-importanza li jiġi rrispettat il-kontenut kreattiv u jitqajjem iċ-ċiklu kreattiv fost iż-żgħażaġh;***

Or. en

Emenda 86 **Ivan Jakovčić**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni **Paragrafu 18**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

18. Jistieden lill-Istati Membri *jirduppraw* l-isforzi tagħhom biex itejbu l-litteriżmu medjatiku, u b'mod partikolari l-litteriżmu tal-films, *fil-kurrikula* skolastiċi, u biex jiżviluppaw inizjattivi fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali fl-edukazzjoni u t-taħriġ formali u informali;

Emenda

18. Jistieden lill-Istati Membri *jinfurzaw bis-sħiħ* l-isforzi tagħhom biex itejbu l-litteriżmu medjatiku, u b'mod partikolari l-litteriżmu tal-films, *fil-kurrikuli* skolastiċi, u biex jiżviluppaw inizjattivi fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali fl-edukazzjoni u t-taħriġ formali u informali;

Or. en

Emenda 87 **Martina Michels, Liadh Ní Riada**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni **Paragrafu 18**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

18. Jistieden lill-Istati Membri jirduppraw l-isforzi tagħhom biex itejbu l-litteriżmu medjatiku, u b'mod partikolari l-litteriżmu tal-films, *fil-kurrikula* skolastiċi, u biex jiżviluppaw inizjattivi fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali fl-edukazzjoni u t-

Emenda

18. Jistieden lill-Istati Membri jirduppraw l-isforzi tagħhom biex itejbu l-litteriżmu medjatiku, u b'mod partikolari l-litteriżmu tal-films, *fil-kurrikuli* skolastiċi ***u fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni kulturali***, u biex jiżviluppaw inizjattivi fil-livell

taħriġ formali u informali;

nazzjonali, reġjonali jew lokali fl-
edukazzjoni u t-taħriġ formali u informali;

Or. de

Emenda 88
Isabella Adinolfi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

18a. Ihegġegħ lill-Istati Membri jżidu b'mod sinifikanti l-litteriżmu tal-films u l-ispirtu ta' intraprenditorija taċ-ċittadini billi jżidu fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali t-twettiq ta' attivitajiet immirati ta' tagħlim u taħriġ mhux formali u informali, speċjalment għaż-żgħażagħ;

Or. it

Emenda 89
Momchil Nekov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

18a. Ihegġegħ lill-Istati Membri jinkludu storja tal-films fil-kurrikula skolastiċi sabiex jippermettu liż-żgħażagħ jiżviluppaw ħsieb kritiku u affinità għall-arti u l-kultura u jżidu s-sensibilizzazzjoni tagħhom ta' diversità kulturali fl-Ewropa;

Or. bg

Emenda 90
Petra Kammerevert, Bogdan Brunon Wentta, Helga Trüpel

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

(18a) huwa konxju tal-importanza partikolari taċ-ċinemas bħala post tal-edukazzjoni transġenerazzjonali għal-litteriżmu tal-films u medjatiku u jilqa' miżuri li jgħinu b'mod immirat lil din il-funzjoni taċ-ċinema;

Or. de

**Emenda 91
Bogdan Andrzej Zdrojewski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

18a. F'dan il-kuntest, jiġbed attenzjoni partikolari għall-edukazzjoni tal-midja tat-tfal bl-appoġġ u l-popolarizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet li fihom it-tfal jitħeġġu joħlqu xogħlijiet awdjoviżivi qosra;

Or. pl

**Emenda 92
Marlene Mizzi**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

19a. Jenfasizza li d-distribuzzjoni tal-kontenut illegali, speċjalment fost iż-żgħażaġh li jużaw dejjem iktar is-servizzi online, żdiedet f'dawn l-aħħar snin; Itenni l-importanza tal-kampanji informattivi u edukattivi li jqajmu

kuxjenza fost iż-żgħażaġh dwar il-ħsara ekonomika u soċjali kkawżata mill-kontenut u l-iddawnlowdjar illegali tal-films;

Or. en

Emenda 93
Silvia Costa

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

19a. Jitlob għall-valorizzazzjoni tal-produzzjonijiet ċinematografiċi edukattivi u mmirati lejn it-tfal u iż-żgħażaġh;

Or. it

Emenda 94
Momchil Nekov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

20. Jappoġġja proġetti innovattivi bħal azzjoni preparatorja tal-Kummissjoni dwar iċ-ċirkolazzjoni ta' films Ewropej fl-era diġitali, imfassla biex jittestjaw rilaxx aktar flessibbli ta' films fil-midja f'diversi Stati Membri;

20. **Jinkoraġġixxi l-provvediment ta' forom varjati ta' distribuzzjoni u** jappoġġja proġetti **u Prattiki** innovattivi bħal azzjoni preparatorja tal-Kummissjoni dwar iċ-ċirkolazzjoni ta' films Ewropej fl-era diġitali, imfassla biex jittestjaw rilaxx aktar flessibbli ta' films fil-midja f'diversi Stati Membri;

Or. bg

Emenda 95
Javi López

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Motion for a resolution

20. Jappoġġja proġetti innovattivi **bħal azzjoni** preparatorja tal-Kummissjoni dwar iċ-ċirkolazzjoni ta' films Ewropej fl-era diġitali, imfassla biex jittestjaw rilaxx aktar flessibbli ta' films fil-midja f'diversi Stati Membri;

Emenda

20. Jappoġġja proġetti innovattivi **bħall-azzjoni** preparatorja tal-Kummissjoni dwar iċ-ċirkolazzjoni ta' films Ewropej fl-era diġitali, imfassla biex jittestjaw rilaxx aktar flessibbli ta' films fil-midja **u fi pjattaformi ġodda** f'diversi Stati Membri;

Or. es

Emenda 96

Bogdan Brunon Wenta, Sabine Verheyen, Jean-Marie Cavada, Santiago Fisas Aixelà, Therese Comodini Cachia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

20. Jappoġġja proġetti innovattivi bħal azzjoni preparatorja **tal-Kummissjoni** dwar iċ-ċirkolazzjoni ta' films Ewropej fl-era diġitali, imfassla biex jittestjaw rilaxx aktar flessibbli ta' films fil-midja f'diversi Stati Membri;

Emenda

20. Jappoġġja proġetti innovattivi bħal azzjoni preparatorja **tal-Kummissjoni** dwar iċ-ċirkolazzjoni ta' films Ewropej fl-era diġitali, imfassla biex jittestjaw rilaxx aktar flessibbli ta' films fil-midja f'diversi Stati Membri **u jilqa' l-integrazzjoni ta' din l-azzjoni fil-programm Ewropa Kreattiva;**

Or. en

Emenda 97

Marc Joulaud

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

21b. Jinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' proċess uniku ta' masterizzazzjoni ta' films

Ewropej, sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż u l-ħin neċessarji għar-rilaxx tal-films Ewropej fuq VOD;

Or. fr

Emenda 98

Bogdan Brunon Wenta, Petra Kammerevert, Sabine Verheyen, Santiago Fisas Aixelà, Jean-Marie Cavada, Mircea Diaconu, Therese Comodini Cachia, Krystyna Łybacka, Helga Trüpel, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Theodoros Zagorakis, Fernando Maura Barandiarán

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

21a. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiggarrantixxu l-livell ta' fondi adegwat għad-diġitalizzazzjoni, il-konservazzjoni u d-disponibbiltà online tal-patrimonju ċinematografiku;

Or. en

Emenda 99

Bogdan Brunon Wenta, Petra Kammerevert, Sabine Verheyen, Jean-Marie Cavada, Santiago Fisas Aixelà, Therese Comodini Cachia, Bogdan Andrzej Zdrojewski

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21b (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

21b. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw id-diġitalizzazzjoni tax-xogħlijiet ċinematografiċi u jistabbilixxu mekkaniżmi ta' depożitu għall-formati diġitali jew jadattaw il-mekkaniżmi eżistenti għal dawn il-formati billi jitolbu d-depożitu ta' master diġitali standard għall-films diġitali;

Or. en

Emenda 100

Bogdan Brunon Wenta, Petra Kammerevert, Sabine Verheyen, Jean-Marie Cavada, Santiago Fisas Aixelà, Mircea Diaconu, Therese Comodini Cachia, Helga Trüpel, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Theodoros Zagorakis, Fernando Maura Barandiarán

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21c (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

21c. Jenfasizza l-importanza tal-arkivji awdjoviżivi, speċjalment mill-istituzzjonijiet tal-patrimonju ċinematografiku u x-xandara tas-servizzi pubbliċi u l-ħtieġa għal fondi u skemi tal-approvazzjoni tad-drittijiet biex jiffaċilitaw is-sodisfazzjon tal-missjonijiet tal-interess pubbliku tagħhom, inkluż il-konservazzjoni, id-diġitalizzazzjoni u t-tqegħid għad-dispożizzjoni pubblika;

Or. en

Emenda 101

Bogdan Brunon Wenta, Sabine Verheyen, Jean-Marie Cavada, Santiago Fisas Aixelà, Therese Comodini Cachia, Bogdan Andrzej Zdrojewski

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21d (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

21d. Jenfasizza r-rwol importanti tal-librerija diġitali Ewropea EUROPEANA bħala librerija diġitali għall-patrimonju awdjoviżiv Ewropew (kemm tal-films kif ukoll tat-televiżjoni);

Or. en